

Brussell, 15 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12800/25

RECH 384

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Tħejija tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tat-29 u t-30 ta' Settembru 2025</i> Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034 a) Programm Qafas u r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu b) Programm speċifiku għall-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota tal-Presidenza dwar "**Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE għall-użu doppju, is-sigurtà u d-difiża**" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tat-30 ta' Settembru 2025.

IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI TAL-UE GĦALL-UŻU DOPPJU,
IS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA

Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol dejjem aktar importanti fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa. Is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali aċċellerat il-ħtieġa tar-riċerka u l-innovazzjoni b'natura ta' użu doppju u potenzjalment b'enfasi fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża. Fl-isfond ta' theddid li qed jiżdied u sfidi ġeopolitiċi ġodda, l-Ewropa jeħtieġ li tkun tista' taġixxi. F'konformità mal-approċċ meħud minn atturi globali oħra, l-Ewropa għandha bżonn tillibera l-potenzjal sħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll tesplora modi kif jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni ċivili u dawk relatati mad-difiża.

Il-proposta għal Orizzont Ewropa li jmiss, adottata mill-Kummissjoni Ewropea fis-16 ta' Lulju, tippermetti l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati proġetti b'natura ta' użu doppju u b'enfasi fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża fil-programm Aċċelleratur taħt il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Filwaqt li huma meħtieġa aktar dettalji dwar il-proposta, dan jintroduċi bidla fil-kamp ta' applikazzjoni meta mqabbel mal-Programm Qafas attwali.

Il-proposta tidher konformi mar-rakkomandazzjoni mir-rapport tal-grupp ta' livell għoli Manuel Heitor – "Align, Act, Accelerate. Research, Technology and Innovation to boost European Competitiveness" – ippubblikat f'Settembru 2024. Ir-rakkomandazzjoni finali tar-rapport kienet li "jiġihaddan l-użu doppju bħala inevitabbli billi jiġi sfruttat l-użu doppju b'żewġ modi" (traduzzjoni mhux uffiċjali).

Il-grupp ta' livell għoli argumenta li "l-adeżjoni ma' dikotomija stretta bejn l-użu doppju u r-riċerka ċivili mhijiex it-triq 'il quddiem ideali u ma għandhiex tintuża bħala qafas għad-differenzjazzjoni fil-kuntest Ewropew"(traduzzjoni mhux uffiċjali). Ir-rapport indika żewġ raġunijiet ewlenin għal dan l-argument. L-ewwel waħda kienet li "minħabba n-natura omnipreżenti ta' ħafna teknoloġiji ġodda minnhom innifishom, kważi r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni kollha għandhom "użu doppju" (eż. wieħed jikkunsidra l-internet, l-IA, il-mowbajls, id-droni, ir-robots)" (traduzzjoni mhux uffiċjali). It-tieni waħda kienet li "minħabba r-rekwiżiti li kważi qegħdin kullimkien u li huma komprensivi ta' kwalunkwe militar modern, kważi kull qasam ta' riċerka għandu minnu nnifsu "użu doppju" (eż. is-saħħa, in-nutrizzjoni, il-prestazzjoni umana)" (traduzzjoni mhux uffiċjali).

Il-grupp ta' livell għoli fl-aħħar argumenta minn perspettiva finanzjarja: "Id-dividend ta' paċi ekonomiku mill-pajjiżi naqqas in-nefqa militari. L-isfida għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni Ewropej hija li jitwettaq dividend għdid tal-innovazzjoni miż-żieda inevitabbli fin-nefqa militari" (traduzzjoni mhux uffiċjali).

L-iffaċilitar ta' proġetti b'użu doppju u potenzjalment b'enfasi fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża fil-Programm Qafas, hija kwistjoni sensittiva. Il-proposta biex jiġu inklużi l-użu doppju u proġetti b'enfasi fuq l-applikazzjoni tad-difiża f'Orizzont Ewropa li jmiss, għalhekk, teħtieġ kunsiderazzjoni bir-reqqa ta', pereżempju, l-impatt, il-partijiet ikkonċernati ġodda involuti fil-proġetti, it-trattament ta' data sensittiva, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-aspetti ta' sigurtà.

F'dak il-kuntest, il-Ministri għar-Riċerka mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar dawn il-mistoqsijiet ewlenin:

1. Liema opportunitajiet tara f'dan l-approċċ il-għdid għat-tiżi u t-titjib ulterjuri tal-kompetittività u r-reżiljenza Ewropea?
2. Liema sensittivitajiet speċifiċi jeħtieġ li nikkunsidraw meta nifih l-Programm Qafas?
3. Kif għandhom jiġu appoġġati proġetti b'użu doppju u proġetti b'enfasi fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża matul Orizzont Ewropa li jmiss?